MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Numru 631/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond J. Borg**
v

**LUDWIG DIMECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LUDWIG DIMECH** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Carmelo u Josephine nee Chircop, imwieled l-Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 1983 u residenti 'Honey Suckle', Triq l-Indipendenza, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 135683M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli nhar t-tmintax ta' Mejju 2006 ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, fi Triq l-Indipendenza, Haz Zebbug, voluntarjament hassar,

ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin imma mhux l-hames mitt lira maltin ghad-detriment ta’ Dennis Farrugia;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Dennis Farrugia hekk kif iccertifika Doctor Joseph Galea MD mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Dennis Farrugia u Wayne Farrugia sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded lil Dennis Farrugia u lil Wayne Farugia bi kliem;

5. talli kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Dennis Farrugia u Wayne Farrugia ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsena tal-Avukat Generali esibit bhala document CSH a fol 2 tal-atti sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 7 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali fis-seduta ta’ nhar t-tmienja ta’ Novembru 2006, kif wkoll lid-difiza tivverbalizza li ma

kienetx qed tikkontesta l-validita tad-dokumenti JB 2 u JB 3 esibiti fl-atti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehed l-Ispetur Jesmond J. Borg** [fol 8] fejn qal li nhar t-tmintax ta’ Mejju 2006 ghal habta tat-tmienja w kwart ta’ filghaxija, il-pulizija tal-ghassa ta’ Haz Zebbug, kienu nfurmati minn Ludwig Dimech li waqt li kien qieghed d-dar hu kien ikkuntattjat fuq il-mobile tieghu minn certu Dennis maghruf bhala ‘Denfar’, li staqsih jekk hu riedx li jiltaqghu l-plant. Ludwig Dimech qallu wkoll li Dennis kien qallu li hu kien d-dar w ghalhekk jekk kien ser jiltaqa mieghu, kellhom jiltaqghu quddiem r-residenza tieghu f’Haz Zebbug.

Ludwig Dimech kompla jghidlu fir-rapport tieghu li Dennis wasal Haz Zebbug flimkien ma ibnu Wayne u f’daqqa wahda qam argument bejniethom u peress li Dennis ippretenda li hu [Ludwig Dimech] kellu jaghmel tajjeb ghal xi flus li missieru Carmel kellu jaghti lil Dennis, f’daqqa wahda Ludwig Dimech qallu li hu ma kellu x’jaqsam xejn mad-dejn ta’ missieru w ghalhekk Dennis mar lejn il-karozza u hareg arma tan-nar minn gol karozza tieghu tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni LCI 096 w affrontah biha. Qallu wkoll li matul din il-glieda huwa kien wegga’ wara li kien gie milqut mill-istess arma tan-nar, pero mhux ghaliex din il-arma kienet gie sparata izda ghaliex kien qala daqqa biha.

Ix-xhud kompla jghid li Ludwig Dimech kien mar ghand Doctor Sciberras sabiex jigi medikat. Qallu wkoll li hu kien mar l-poliklinika tal-Floriana fejn kien gie nvistat minn Doctor Joseph Galea fejn dan t-tabib kien irriskontra feriti ta’ natura hafifa, li ppresenta bhala document JB 1 [fol 13].

Minn stharrig li ghamlet il-pulizija sabiex jigi identifikat l-imsemmi Dennis w t-tifel tieghu, irrizulta li dan joqghod l-Imqabba w ghalhekk marru hemmhekk fejn sabu lil dan Dennis li gie mitkellem mill-istess pulizija. Dennis kien innega mal-pulizija li kellu xi arma tan-nar fil-pussess

tieghu ghalkemm stqarr li veru kellu argument ma Ludwig Dimech u fil-fatt kien stieden lil istess pulizija jaghmlu tfittxija fil-presenza tieghu, liema tfittxija saret kemm fid-dar tieghu kif wkoll fil-vetturi ta' ibnu, li rrizultat fin-negattiv.

Zied jghid li meta Dennis Farrugia gie mitkellem mill-pulizija, w irrilaxxja stqarrija wara li nghata s-solita twissija, dan stqarr li hu kien sid ta' kumpanija bl-isem Denfar, u meta kien qed jiekol ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, t-tifel tieghu Wayne Farrugia, kien avvicinah u qallu li huma kienu qed jippruvaw jinnegozjaw vann ma Ludwig Dimech, u li kienu sabu problema ghaliex Ludwig Dimech ma kienx ried jinkludi sebgha mitt lira maltin fi flus li Ludwig Dimech u missieru kellhom jaghtu lil kumpanija taghhom. Qal wkoll li kien hemm arrangament ma missier Ludwig Dimech u cioe Carmelo Dimech, li jpartu l-affarijiet bejniethom w ghalhekk Dennis Farrugia ppretenda li Ludwig Dimech kellu jinkludi fit-tpartit dawk s-sebgha mitt lira maltin mal-vann. Qallu li fil-fatt Carmelo Dimech kien qed jiehu xi materjal tal-bini minghand Dennis Farrugia u minn naha l-ohra Dennis Farrugia u l-kumpanija tieghu Denfar, kienu qed johduhom *in return* bhala *tyres*.

Qallu wkoll li recentement Carmelo Dimech kien baqghalu sebgha mitt lira maltin x'jaghti lil Dennis Farrugia w ghalhekk huma ppretendew li fit-tpartit tal-vann dawn kellhom pacuhom bejniethom. Dennis Farrugia qallu wkoll li kien ghalhekk li kien cempel lil Ludwig Dimech personalment biex jara x'kienet il-problema u matul din il-konversazzjoni kien qal lil Ludwig Dimech li kien ser imorru ghandu d-dar biex jitkellmu hemmhekk. Fil-fatt hu ddecida li jmur hemm w t-tifel tieghu saq bil-karozza privata tieghu warajh.
Dennis Farrugia kompla jispjegalu li mata wasal quddiem d-dar ta' Ludwig Dimech, daqq il-horn u dan hareg minn daru. Dennis Farrugia kompla jghidlu li hu hareg mill-karozza u staqsa lil Ludwig Dimech x'kienet il-problema biex ipacu s-sebgha mitt lira maltin u f'daqqa wahda Ludwig Dimech qabez ghal fuqu u sabbtu mal-vettura tieghu. Zied jghidlu li hu kien sorpriz b'dan l-atteggjament tal-imputat ghaliex hu ma kienx ppreparat ghal glied w

ipprova jiddefendi ruhu u mar ibnu Wayne Farrugia sabiex jifridhom. Qallu wkoll li f'hin minnhom hu kien intlaqat f'wiccu u tilef in-nuccali tal-vista tieghu u peress li haseb li kien spicca taht l-karozza tieghu, tbaxxa biex idahhal idu biex jfittxu, pero fid-daqqa w l-hin, Ludwig Dimech qabad jaghtih bis-seiq fuq kull parti ta' gismu. Qallu li n-nuccali baqa ma nstabx u qabad u dahal fil-karozza tieghu u kif kien zgur li ibnu Wayne kien rikeb fil-karozza wkoll u kienu ser jitilqu bil-karozza taghhom, sema' lil Ludwig Dimech jaghti w issawwat u jkellem hazin lil ommu u jghidilha li dak kollu li gara kien minhabba r-ragel taghha u lanqas identifikah bhala missieru.

Ix-xhud kompla jghid li mistoqsi minnu Dennis Farrugia rigward l-allegata arma, dan baqa jinnega li l-arma tan-nar kienet fil-pussess tieghu. Dennis Farrugia kien anke ppresenta kopja ta' ricevuta li kien hallas ghan-nuccali tieghu li kien jiswa hamsa w disghin lira u hamsa w hamsin centezmu li giet esibita bhala document JB 3 [fol 15]. Ippresentalu wkoll stima tal-hsara li kellu fil-vettura tieghu mahruga minn Viper Garage fl-ammont ta' mija u tmintax il-lira maltin li wkoll giet esibita bhala document JB 2 [fol 14].

L-Ispettur Jesmond J. Borg kompla jghid li hu tkellem wkoll ma Wayne Farrugia li jigi t-tifel ta' Dennis Farrugia, fejn dan ikkonferma l-versjoni tal-fatti kif moghtija minn missieru. Zied jghidlu li hu qatt ma kien involut fil-glieda izda kien mar biss biex jifred lil Ludwig Dimech minn ma missieru Dennis Farrugia.

Kompla jghid li hu ha l-versjoni tal-fatt wkoll minghand l-imputat Ludwig Dimech fil-presenza ta' PS 358 Malcolm Bondin fejn qal dak kollu li gia xehed u zied jghidlu li waqt l-glieda kien hemm presenti wkoll ommu Josephine, martu Stephanie w iz-zija tieghu Joanne Buttigieg. Kien semmielu wkoll li qabel l-incident, hatnu Anthony Aquilina kien ikkuntattjah fuq il-mobile phone u qallu li Dennis Farrugia kien cempillu u talbu sabiex Ludwig Dimech jirranga l-problemi li kellu ma Dennis ghaliex kienu ser jinqalghu aktar problemi. Ix-xhud qal li fil-fatt Anthony Aquilina bhalissa kien qed jaghmel xi xoghol ta' kuntratti

ghand Dennis Farrugia u ma xtaqx li jkun involut f'dawk l-argumenti w ghalhekk kien iddecida li jcempel lil Ludwig Dimech sabiex jinfurmah li jekk kellu xi problema ma Dennis Farrugia, kien ikun ahjar li jirranghom qabel ma jinqalghu aktar problemi. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat bhala dokument JB 4 [fol 17].

Ix-xhud kompla jghid li hu tkellem wkoll personalment ma Anthony Aquilina li kkonferma li kien ircieva telefonata minghand Dennis Farrugia fejn talbu sabiex ikellem lil Ludwig Dimech sabiex jissetiljaw il-problema tas-sebgha mitt lira maltin, bilanc ta' dak li kien baqa jaghti Carmel Dimech lil kumpanija ta' Dennis Farrugia. Anthony Aquilina kien qallu, kompla jghid ix-xhud, li hu kien cempel lil Ludwig Dimech u qallu biex jirrangaw il-pendenzi li kellhom bejniethom ghaliex Dennis Farrugia deher irrabbjat hafna meta cempillu.

Mistoqsi jekk kienx minnu li Dennis Farrugia ma xtaqx li l-proceduri jitwasslu sal-Qorti, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk effettivament staqsiex lil Dennis Farrugia ghaliex qatt ma kien ghamel rapport mal-pulizija, dan kien wiegbu li peress li ma kienetx l-ewwel darba li kellu xi argumenti zghir ta' dak t-tip, kien ghalhekk li m'ghamilx rapport u sabiex jipprova jirranga l-pendenzi li kellu ma l-imputat barra mill-Qorti.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehed PS 403 James Grech** [fol 19] fejn esibixxa w ikkonferma l-kontenut tal-okkorrenza datata tmintax ta' Mejju 2006 li giet mmarkata bhala dokument PS  [fol 21].

Illi nhar l-hdax ta' Ottubru 2006 **xehed Doctor Joseph Galea** [fol 25] fejn, meta gie muri c-certifikat mahrug lil pazjent fuq griehi u sofferenzi datat tmintax ta' Mejju 2006, esibit fl-att bhala dokument JB 1 [fol 13] ikkonferma li dan inhareg minnu w ikkonferma wkoll l-firma tieghu fuqu.

Illi nhar l-hdax ta' Ottubru 2006 **xehed PS 358 Malcolm Bondin** [fol 27] fejn, wara li gie muri d-dokument JB 4, u cioe stqarrija rilaxxata nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Mejju

2006 mill-imputat Ludwig Dimech presenti fl-awla, ikkonferma li din giet rilaxxata fil-presenza tieghu w gharaf fuqha kemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Jesmond J. Borg kif wkoll tal-imputat fuq iz-zewg faccati taghha. Ikkonferma wkoll li din giet rilaxxata wara li l-imputat gie moghti s-solita twissija.

L-imputat gahzel li ma jixhidx u li ma jressaq ebda provi in sostenn tad-difiza tieghu, kif del resto kellu kull dritt li jaghmel.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti trid tiddeciedi l-kaz ojderna a bazi tal-provi w ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni.

Illi bhala fatt, il-prosekuzzjoni ma ressqet lil ebda xhud sabiex jixhed u jispjega kif effettivament sehh l-allegat incident u hsara voluntarja.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lil Ufficjal Investigattiv jixhed u jghid dak li rrizultalu waqt l-investigazzjoni li zamm pero fl-ebda hin ma tressaq xi xhud sabiex jikkonferma dak li allegtatament kienu qalu dwar l-imputat. Illi dak li l-allegati vittmi qalu lil ufficjal prosekutur, jekk mhux konfermat minnhom, jikkostitwixxi *hearsay evidence* li mhux prova fis-sistema nostrana taghna u li a bazi taghhom jista jistrieh l-kaz.

Illi l-imputat ma xehedtx izda rrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni li tinsab esibita bhala document JB 4 a fol 17 tal-atti.

Illi din l-istqarrija tikkostitwixxi prova u ghalhekk din il-Qorti trid tikkonsidraha meta tigi biex taghmel apprezzament tal-fatti.

Illi minn ezami tal-istess, jirrizulta li waqt li l-imputat kien d-dar, allegatament cempillu certu Anthony Aquilina u qallu li Dennis Farrugia kien irrabbjat hafna mieghu w ghalhekk kellu joqghod attent ghaliex kien sejjer ghalih. Wara ftit cempillu dan Dennis Farrugia u beda jidghi u wara ftit

spicca wara l-bieb ta' daru ma ibnu u minnufih bdew jaghtuh t-tnejn flimkien u spiccaw fl-idejn t-tlieta li huma u fil-fatt spicca mar jaghmel rapport l-ghassa dwar l-incident u kif effettivament gie aggredit.

Illi din x-xhieda ma giet kontradetta minn hadd w ghalhekk fid-dawl tal-istess, din il-Qorti ma tistax issib lil imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 325(1)(b), 221, 339(d), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat LUDWIG DIMECH hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------